**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta D.I.E.R.**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 22 ta' Lulju 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antonia sive Antoinette Gafa detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 173361(M);**

**Paulette Gafa detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 503386(M); u**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Antonia sive Antoinette Gafa, Paulette Gafa u Omissis u ċioè talli:

Fil-kwalità tagħhom bħala diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi u/jew uffiċjali tas-soċjetà kummerċjali GAFA SAVEWAY LTD (C 15908), b' indirizz reġistrat 39, Triq Ġuljetta Lopez, Santa Luċija, Malta u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjetàkummerċjali sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu lill-impjegati li joperaw f'San Vinċenz de Paule Residence indikati fil-lista li ġiet annessa d-differenza fil-pagi, fis-sahra u fil-ħlas ta'

festi nazzjonali u btajjel pubbliċi dovuta għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2012 u t-30 ta' Ġunju 2013, dawk l-ammonti hekk indikati fl-imsemmija lista li ġiet annessa, liema ammonti jinkludu t-taxxa u l-bolla.

L-ammont globali dovuti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2012 u t-30 ta' Ġunju 2013 jammonta għal sebat elef u sebgħa euro u tnax-il ċenteżmu (€7707.12) liema ammont hu dovut lill-impjegati tagħhom fit-30 ta' Ġunju 2013.

Il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lill-persuni indikati fil-lista li ġiet annessa l-ammonti relattivi għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Semgħet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi jigi rilevat fl-ewwel lok li dawn huma kawzi ta' natura sommarja izda dawn il-proceduri jafu il-bidu taghhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-3 ta' Gunju 2014, bl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti kif preseduta, issir nhar l-4 ta' Mejju, 2016.

Illi fis-seduta tallum kien hemm qbil bejn il-partijiet li, in vista li Dominic Gafa jinsab indispost, ir-rapprezentanza tas-socjeta` imputata ser issir mill-ko-imputati l-ohra u cioe' Antonia sive Antoinette Gafa u Paulette Gafa u li ghalhekk il-kawza ghandha titmexxa unikament fil-konfront ta' dawn tal-ahhar in rapprezentanza tas-socjeta` imputata.

Illi dan il-process hu senjalat minn mankanza totali ta' provi li jissostanzjaw l-akkuza dedotta sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra ghajr li tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Magistrat**